# FIL-PRIM' AWLA
# QORTI ĊIVILI

## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**DIGRIET FINALI**

**Illum It-Tnejn**
**Ħamsa (5) ta' Diċembru 2022**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1478/2022**

fl-ismijiet

**Antonella Galea**
**(ID 315977M)**

**Vs**

**Segretarju Permanenti Ewlieni,**
**Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali fil-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali,**
**Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali,**
**L-Avukat tal-Istat,**
**L-Onorevoli Prim Ministru,**
**L-Onorevoli Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali,**
**President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali Mario Fava,**
Kunsill Lokali ta' **San Pawl il-Baħar,** Kunsill Lokali ta' **Swieqi,** Kunsill Lokali ta' **Ta' Xbiex,** Kunsill Lokali ta' **Ħal Tarxien,** Kunsill Lokali ta' **Belt Valletta,** Kunsill Lokali ta' **Xgħajra,** Kunsill Lokali ta' **Ħaż Żabbar,** Kunsill Lokali ta' **Ħaż Żebbug,** Kunsill Lokali ta' **Zejtun,** Kunsill Lokali ta' **Żurrieq, Reġjun Tramuntana, Reġjun Punent, Reġjun Lvant, Reġjun Nofsinhar, Reġjun Port,** Kunsill Lokali ta' **Rabat (Malta),** Kunsill Lokali ta' **Ħal Safi,** Kunsill Lokali ta' **San Ġwann,** Kunsill Lokali ta' **Santa Lucia,** Kunsill Lokali ta' **Santa Venera,** Kunsill Lokali ta' **Isla,** Kunsill Lokali ta' **Siġġiewi,** Kunsill Lokali ta' **Sliema,** Kunsill Lokali ta' **San Ġiljan,** Kunsill Lokali ta' **Msida,** Kunsill Lokali ta' **Imtarfa,** Kunsill Lokali ta' **Naxxar,** Kunsill Lokali ta' **Raħal Ġdid,** Kunsill Lokali ta' **Pembroke,** Kunsill Lokali ta' **Pieta,** Kunsill Lokali ta' **Ħal Qormi,** Kunsill Lokali ta' **Qrendi,** Kunsill Lokali ta' **Ħal Kirkop,** Kunsill Lokali ta' **Ħal Lija,** Kunsill Lokali ta' **Ħal Luqa,** Kunsill Lokali ta' **Marsa,** Kunsill Lokali ta' **Marsaskala,** Kunsill Lokali ta' **Imdina,** Kunsill Lokali ta'

**Mellieħa,** Kunsill Lokali ta' **Imġarr,** Kunsill Lokali ta' **Mosta,** Kunsill Lokali ta' **Imqabba,** Kunsill Lokali ta' **Ħal Għargħur,** Kunsill Lokali ta' **Ħal Għaxaq,** Kunsill Lokali ta' **Gudja,** Kunsill Lokali ta' **Gżira,** Kunsill Lokali ta' **Ħamrun,** Kunsill Lokali ta' **Iklin,** Kunsill Lokali ta' **Kalkara,** Kunsill Lokali ta' **Attard,** Kunsill Lokali ta' **Ħal Balzan,** Kunsill Lokali ta' **Birgu,** Kunsill Lokali ta' **Birkirkara,** Kunsill Lokali ta' **Birżebbugia,** Kunsill Lokali ta' **Bormla,** Kunsill Lokali ta' **Ħad Dingli,** Kunsill Lokali ta' **Fgura,** Kunsill Lokali ta' **Floriana**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrent Antonella Galea fit-2 ta' Novembru 2021 fejn talbet lill Qorti sabiex tinibixxi lill-intimati kollha milli:

   *(i)* *Jipproċedu bl-proċedura ta' ingaġġ li nbdiet u li għadha miftuħa kif jirriżulta minn recruitment.gov.mt u kif imħabbra fil-Gazzetta tal-Gvern datata 21 ta' Ottubru 2022, ... liema proċedura hija intiża sabiex jimtlew il-karigi ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsilli Reġjonali u/jew Lokali kif identifikati fl-istess sejħa; u/jew*

   *(ii)* *L-intimati jew min minnhom jimlew l-imsemmijin karigi permezz tas-sejħa preżenti fuq imsemmija jew kwalunkwe sejħa oħra; u/jew*

   *(iii)* *L-intimati jew min minnhom jimlew kwalunkwe kariga ta' Segretarju Eżekuttiv illi tista' tinħoloq (anke jekk m'hiex inkluża fis-sejħa hawn fuq imsemmija)*

2. Rat illi, fit-2 ta' Novembru 2021, dina l-Qorti laqgħet it-talba provviżorjament filwaqt illi ordnat notifika lill-kontro parti, u appuntat ir-rikors għat-trattazzjoni għas-17 ta' Novembru 2022.

3. Rat ir-risposta tar-**Reġjun Lvant** ippreżentata fis-7 ta' Novembru 2022. (fol 87)

4. Rat ir-risposta tal-**Kunsill Lokali Marsa** ippreżentata fis-7 ta' Novembru 2022. (fol 88)

5. Rat ir-risposta tal-**Kunsill Lokali Naxxar** ippreżentata fit-8 ta' Novembru 2022. (fol 89)

6. Rat ir-risposta tal-**Kunsill Lokali Mġarr** ippreżentata fid-9 ta' Novembru 2022. (fol 90)

7. Rat ir-risposta tal-**Kunsill Lokali Paola** ippreżentata fis-9 ta' Novembru 2022. (fol 91)

8. Rat ir-risposta tal-**Kunsill Lokali Pembroke** ippreżentata fis-9 ta' Novembru 2022. (fol 92)

9. Rat ir-risposta tal-**Kunsill Lokali Attard** ippreżentata fl-10 ta' Novembru 2022. (fol 95)

10. Rat ir-risposta tal-**Kunsill Lokali Qormi** ippreżentata fl-10 ta' Novembru 2022. (fol 99)

11. Rat ir-risposta tal-**Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali** ippreżentata fl-10 ta' Novembru 2022. (fol 102)

12. Rat ir-risposta tal-Kunsilli Lokali ta' **Attard**, **Balzan**, **Birkirkara**, **Birżebbugia**, **Cospicua**, **Dingli**, **Fgura**, **Floriana**, **Għargħur**, **Għaxaq**, **Gudja**, **Gżira**, **Ħamrun**, **Iklin**, **Isla**, **Kalkara**, **Marsaxlokk**, **Mellieħa**, **Mosta**, **Mqabba**, **Msida**, **Imtarfa**, **Pieta**, **Qrendi**, **Lija**, **San Ġwann**, **Santa Luċija**, **Santa Venera**, **Siġġiewi**, **Swieqi**, **Safi**, **Ta' Xbiex**, **Tarxien**, **Xgħajra**, **Żabbar**, **Żebbuġ**, **Żejtun**, **Żurrieq** u **Reġjun Nofsinhar** u **Reġjun Punent** ippreżentat fl-10 ta' Novembru 2022. (fol 103)

13. Rat ir-risposta tal-**Kunsill Lokali Marsaskala** ippreżentata fl-10 ta' Novembru 2022. (fol 105)

14. Rat ir-risposta tal-**Kunsill Lokali San Ġiljan** ippreżentata fl-11 ta' Novembru 2022. (fol 106)

15. Rat ir-risposta tal-**Kunsill Lokali Mdina** ippreżentata fl-11 ta' Novembru 2022. (fol 115)

16. Rat ir-risposta tal-**Reġjun Port** ippreżentata fl-11 ta' Novembru 2022. (fol 123)

17. Rat ir-risposta tal-**Kunsill Lokali San Ġiljan** ippreżentata fl-11 ta' Novembru 2022. (fol 105)

18. Rat ir-risposta tas-**Segretarju Permanenti Ewlieni**, **Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali fil-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali**, **Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali**, **L-Avukat tal-Istat**, **L-Onorevoli Prim Ministru**, **l-Onorevoli Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali** ippreżentata fl-14 ta' Novembru 2022. (fol 127)

19. Rat ir-risposta tal-**Kunsill Lokali Kirkop** ippreżentata fl-14 ta' Novembru 2022. (fol 137)

20. Rat ir-risposta tal-**Kunsill Lokali Sliema** ippreżentata fl-14 ta' Novembru 2022. (fol 141)

21. Rat ir-risposta tal-**Kunsill Lokali Belt Valletta** ippreżentata fil-15 ta' Novembru 2022. (fol 147)

22. Rat illi fis-17 ta' Novembru 2022, kien jidher li r-Reġjun Port kien għadu ma ġiex notifikat u, rappreżentant tiegħu, imsejjaħ diversi drabi ma deherx, u għalhekk, ir-rikors ġie differit għan-notifika.

23. Rat illi fl-1 ta' Diċembru 2022, dehru l-partijiet kollha u għalhekk ir-rikors ġie trattat u differit għal-digriet kamerali.

**Konsiderazzjonijet Fattwali**

24. Jirriżulta illi r-rikorrenti, Antonella Galea, kellha l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Xlokk, illum il-ġurnata msejjaħ Kunsill Reġjonali tal-Port.

25. Jirriżulta illi maż-żmien, bdew jinqalgħu varji problemi in konnessjoni mal-operat tagħha u dana wassal sabiex, meta r-rikorrenti ma kinetx dieħla għax-xogħol, il-Kunsill Reġjonali Xlokk, fit-28 ta' Settembru 2021, b'vot unanimu, għadda vot ta' sfiduċja fir-rikorrent, fil-kapaċita' tagħha ta' Segretarju Eżekuttiv.

26. Jirriżulta illi sussegwentement id-deċiżjoni tal-Kunsill Reġjonali ġie riferut lill-Advisory Board stabbilit bil-Liġi.

27. Jirriżulta illi fit-28 ta' Jannar 2022, il-Bord wasal għal konklużjonijiet tiegħu, fejn qal fost affarijiet oħra, li

> *Għaldaqstant, meħud in konsiderazzjoni dawn iċ-ċirkostanzi kolllha, il-Bord iħoss li l-vot ta' sfiduċja mressaq mill-President jista' jkun wieħed kemmxejn eċċessiv u tali vot ta' sfiduċja mhux neċessarjament kien f'loku. Sfortunatament, il-Bord iħoss li hemm problema ta' attitudni fil-karattru tas-Segretarja Eżekuttiv. Għalhekk meta wieħed jara li r-relazzjoni bejn iż-żewġ partijiet tant ħżienet tul dan l-aħħar żmien, il-Bord iħoss li s-Sa Antonella Galea m'għandhiex tibqa' taqdi dmirha bħala Segretarju Eżekuttiv fir-Reġjun Xlokk.*

28. Jirriżulta illi fil-31 ta' Jannar 2022, id-Direttur Ġenerali (Gvern Lokali) Natalino Attard kiteb lir-rikorrenti u għarrafha li, a tenur tal-Artikolu 53B tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap 363), huwa kien qiegħed jaċċetta r-riżoluzzjoni tal-Kunsill Reġjonali tal-Port għat-tneħħija tagħha bħala Segretarja Eżekuttiv tal-Kunsill Reġjonali tal-Port b'effett immedjat.

29. Jirriżulta illi sussegwentement ir-rikorrent rreferiet il-każ tagħha lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li, b'deċiżjoni tat-23 ta' Ġunju 2022, laqgħet l-ilment tagħha dwar il-proċedura adottata għat-tkeċċija tagħha, billi qalet is-segwenti:

> *Għaldaqstant il-Kummissjoni, filwaqt illi ma għandha l-ebda poter li tissindika lill-Kunsill Reġjonali Port jew lill-Bord maħtur taħt l-Artikolu 49 (5) tal-Att dwar Gvern Lokali, sabet illi filwaqt li d-Direttur Ġenerali kellu kull poter skond il-liġi hekk kif stipulat fl-Att dwar Gvern Lokali illi jittermina il-ħatra tas-Sa Galea bħala Segretarja Eżekuttiv, huwa naqas milli josserva l-proċedura dixxiplinari skont kif stipulat fir-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Dan, in kwantu li s-Sa Antonella Galea kienet maħtura bħala uffiċjal pubbliku ai termini tal-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni.*
>
> *Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għaldaqstant sabet li l-proċess skattat mid-Direttur Ġenerali, fl-aspett fejn jirrigwardja n-nuqqas ta' proċedura dixxiplinari, fil-konfront tas-Sa. Galea qua l-istatus ta' uffiċjal pubbliku, kien ultra vires u bla effett, ġia la darba ma ġewx rispettati il-provvedimenti stipulati fir-Regolament tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.*

30. Jirriżulta illi r-rikorrenti tikkontendi illi hija ressqet proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali, iżda dokumentazzjoni in sostenn ta' tali dikjarazzjoni ma tressqux mal-varji dokumentazzjoni ppreżentati.

31. Jirriżulta illi fil-21 ta' Ottubru 2021, ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' dakinhar stess, sejħa, maħruġa mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, għall-'*Posizzjoni ta' Segretarja Eżekuttiv mal-Kunsilli Reġjonali u Lokali*' f'varji Kunsilli Lokali u Reġjonali, fosthom il-Kunsill Reġjonali tal-Port.

**Argumentazzjonijiet Legali tal-Partijiet.**

32. Jirriżulta illi fit-trattazzjoni ta' l-abbli difensur tar-rikorrenti ġie asserit illi, in vista ta' dina s-sejħa pubblika għall-Segretarji Eżekuttivi, il-fatt illi hija għadha qiegħda tikkontesta illi t-terminazzjoni tagħha bħala Segretarju Eżekuttiv kien wieħed mhux mistħoqq, u semmai null, liema kontestazzjoni qiegħda ssir quddiem it-Tribunal Industrijali, f'każ illi hija tingħata raġun u għalhekk ikollha tiġi re-instated bħala Segretarja Eżekuttiva, il-fatt li l-posizzjonijiet ta' Segretarji Eżekuttivi fil-varji Kunsilli, fosthom il-Kunsill Reġjonali tal-Port, ikunu ġew mimlija riżultat tas-sejħa maħruġa fil-21 ta' Ottubru 2022, hija ser tkun preġudikata b'mod irrimedjabbli għax ma jkunx hemm posizzjoni vakanti biex jiġi lilha assenjata mill-ġdid.

33. Jirriżulta, milll-banda l-oħra, illi l-intimati, filwaqt li l-maġġoranza kbira tagħhom saħqu illi huma ma kinux leġittimi kontradittturi peress illi ma kellhom xejn x'jaqsmu mal-pretensjoni illi r-rikorrenti għandha mad-Direttur Ġenerali u mal-Kunsill Reġjonali tal-Port, dawk l-intimati li ħassew li kienu attwalment leġittimi kontradittturi, insistew illi bl-ebda mod ma hija ser tiġi preġudikata irrimedjabbilment ir-rikorrent, peress illi, f'każ ili hija tiġi re-instated, jmiss lill-Awtorita' li magħha hija tkun terġa' tiġi re-instated illi ssib posizzjoni uffiċjali għaliha, liema posizzjonijiet bħala Segretarja Eżekuttiva dejjem ikun hemm in vista tan-numru kbir ta' posizzjonijiet eżistenti mal-varji Kunsilli Lokali u reġjonali illi hemm fil-preżent.

34. L-intimati lkoll kemm huma saħqu wkoll illi t-talba tar-rikorrenti kienet waħda sproporzjonata, peress illi qiegħda tirreka dannu kbir fl-operat tal-Kunsilli Lokali w Reġjonali, partikolarment lil dawk illi ma kellhom ebda rabta legali ma' l-istess rikorrenti.

**Konsiderazzjonjiet legali**

35. Jirriżulta illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak illi jżomm persuna jew entita' milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

36. Jirriżulta ukoll illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12, il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

37. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet magħmula minn dina l-Qorti, diversament ppresjeduta, fil-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1710/16LM

fl-ismijiet "**Mary Grace D'Amato vs Raymond Micallef et**" deċiż fis-16 ta' Diċembru 2016, fejn, dwar l-elementi rikjest għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, għamlet is-segwenti osservazzjonijiet eruditi:

*Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:*

*(1) ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrenti: il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, l-hekk imsejjaħ periculum in mora.*

*(2) iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ l-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall ħruġ tal-Mandat.*

*Apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet* ***Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et*** *deċiża fit-13 ta' Mejju, 2014, per Onor. Imħallef J.R.Micallef:*

> *"Tqis illi huwa wkoll miżmum li il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi".*

*(3) ikun jidher prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd: il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd prima facie, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:*

> *"... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*

*Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd*

*pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.*

*Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta'inibizzjoni, li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan minn naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u minn naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

*Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:*

*(4) <u>Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali</u>. Ara* ***Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici*** *mogħti fil-25 ta' Jannar, 2005 per Imħallef Joseph R. Micallef :*

> *"il-ħarsien li l-liġi qiegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas iffisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."*

*(5) "<u>Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn</u>. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqgħax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din." Ara* ***Avukat***

***Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti**, Prim' Awla, 18 ta' Lulju, 2008.*

*(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.*

**Konsiderazzjonijiet finali**

38. Jirriżulta, mis-sottomissjonijiet dokumentarji tal-abbli difensuri tal-partijiet, illi l-kwistjoni kollha tirrigwarda deċiżjoni ta' tkeċċija tar-rikorrenti mill-kariga ta' Segretarja Eżekuttiva mal-Kunsill Reġjonali tal-Port, w id-deċiżjoni sussegwenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku w il-proċeduri li ingħad li nbdew quddiem it-Tribunal Industrijali.

39. Jirriżulta illi r-rikorrent tikkontendi illi, ladarba hija għandha ċans illi terġa' titqiegħed fil-posizzjoni ta' Segretarja Eżekuttiva meta, xi darba, it-Tribunal Industrijali, illi hija tikkontendi li bdiet proċeduri quddiemha, prova ta' liema proċeduri iżda qatt ma nġiebu quddiem dina l-Qorti, tiddeċiedi l-ilment tagħha favuriha, allura ma għandha tinħareġ ebda sejħa u ma għandha timtela' ebda posizzjoni vakanti ta' Segretarja Eżekuttiva sakemm il-każ tagħha jiġi deċiż.

40. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi tali argumentazzjoni huwa ċertament sproporzjonat għall-aħħar u qiegħed jirreka dannu ferm akbar mid-dannu illi hija tikkontendi illi tista' ssofri f'każ li tirbah il-każ tagħha, presumibbilment kontra d-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali w il-Kunsill Reġjonali tal-Port (għax il-Qorti ma għandha EBDA indikazzjoni kontra min ressqet il-każ quddiem it-Tribunal).

41. Din il-Qorti tosserva wkoll illi, fl-ipoteżi illi hija tirbaħ il-każ li qalet li għamlet u fl-ipoteżi illi d-deċiżjoni tkun waħda li biha hija tiġi re-instated fil-posizzjoni tagħha ta' Segretarja Eżekuttiva, ċertamament ikun jispetta lil min jinstab responsabbli sabiex isib post għar-rikorrenti f'tali kariga – ċertament dak ma jfissirx illi kull posizzjoni vakanti ta' Segretarja Eżekuttiva għandha tibqa' in limbo sakemm il-każ tagħha jiġi deċiż.

42. Finalment, il-Qorti tosserva illi ċertament ir-rikorrenti bl-ebda mod ma hija ser issofri preġudizzju irrimedjabbli bit-tkomplija u eventwali konklużjoni tal-proċess imħabbar fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Ottubru 2022, għall-għażla u nomina ta' Segretarji Eżekuttivi ġodda, peress illi huwa ċar li posizzjoni bħalma hija kellha, ser tkun dejjem maħruġa għas-sejħa minn żmien għal żmien.

43. Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi ma kien hemm xejn x'iżomm lir-rikorrent terġa' tapplika mill-ġdid abbażi tas-sejħa tal-21 ta' Ottubru 2022, iżda minflok għażlet it-triq illi twaqqaf il-proċess kollu tas-sejħa u għażla ta' Segretarji Eżekuttivi, liema triq il-Qorti wisq tibża' illi hija aktar eżerċizzju ta' 'arm twisting', milli ta' protezzjoni tad-dritt tagħha.

44. Jirriżulta, għalhekk, illi r-rikorrenti '*prima facie*' ma għandha ebda jedd u/jew dritt sabiex tipproteġi fil-konfront tal-intimati, u għalhekk it-talba tagħha timmerita illi tiġi respinta b'mod definittiv.

**Deċiżjoni finali**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u s-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi;

Tiddeċiedi t-talba magħmula fit-2 ta' Novembru 2022 billi:

**Tiċħad** it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, billi ma jirriżultawx l-elementi kollha mitluba mill-Liġi għall-ħruġ tiegħu.

**Tħassar** *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-2 ta' Novembru 2022, fejn kienet laqgħet it-talba b'mod provviżorju.

**Spejjeż** tal-partjiet kollha ikunu a karigu tar-rikorrenti.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**